MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 774/2008/1

**Five Effs Import Co. Limited**

**vs**

**Island Resorts Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' April, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett elef u mitejn u tlettax-il euro u tnejn u tletin centezmu (€3,213.32) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta, u imghaxijiet kummercjali fuq l-istess

fatturi kalkolati sat-30 ta’ Gunju 2008. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 12 ta’ Gunju 2008 u bl-imghax kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi t-talba tas-socjeta’ attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi micjuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici u dan stante l-fatt li s-socjeta’ konvenuta kienet effettwat pagament lis-socjeta’ attrici tas-somma ammontanti ghall-erbat elef, tliet mija u disa u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€4,359.21), ekwivalenti ghal Lm1,871.41 liema pagament gie maghmul ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tas-socjeta’ attrici. Ghaldaqstant l-obbligazzjoni tas-socjeta’ konvenuta giet estinta ai termini tal-ligi u l-ebda ammont ma huwa dovut. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda ta’ Ronald Galea.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x’jaghmel.

Fl-ewwel lok jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet hallset lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm1871.41, ekwivalenti ghal €4359.21. Dan il-pagament sar permezz ta’ cekk bin-numru 9189 mahrug fuq il-Bank HSBC, datat 31 ta’ Lulju 2007, u gie msarraf

mis-socjeta’ attrici kif ikkonferma x-xhud Ronald Galea in rapprezentanza ta’ l-istess socjeta’ attrici.

Jirrizulta car li l-pagament ta’ Lm1871.41 fuq imsemmi, kien sar da parti tas-socjeta’ konvenuta b’referenza diretta ghall-*invoices* mahrugin mis-socjeta’ attrici bin-numri:-

1045633; 1045986; 1045966; 1045838; 1046186; u 1046183.

Jirrizulta wkoll car li dan il-pagament kien qieghed isir da parti tas-socjeta’ konvenuta ***‘in full and final settlement’***, kif hemm imnizzel car fid-dokument ‘B’ li akkompanja c-cekk in kwistjoni, u li jinsab a fol. 11 tal-process. Fil-fatt l-istess Ronald Galea ikkonferma li dan il-pagament kien gie mibghut mis-socjeta’ konvenuta ***in full and final settlement***.

Skond ix-xhud Ronald Galea, wara dan il-pagament, ma kompla jsir l-ebda kummerc bejn il-partijiet, u ghalhekk ma nhargux *invoices* godda minghand is-socjeta’ attrici.

Jidher li sussegwentement is-socjeta’ attrici baghtet xi statements ohrajn lis-socjeta’ konvenuta li jgibu d-dati 31 ta’ Jannar 2008, u 30 ta’ Settembru 2008, u cioe intbaghtu wara d-data ta’ l-ahhar pagament li sar mis-socjeta’ konvenuta. Dawn l-istatements huma dawk markati Dok. AN1 u AN 2 u jinsabu a fol 21 u 22 tal-process.

Illi t-Tribunal ezamina bir-reqqa dawn l-istatements u jirrizulta li t-tnejn li huma jaghmlu referenza ghall-istess *invoice numbers* imsemmija izjed ‘l fuq, li s-socjeta’ konvenuta kienet hallset permezz tal-pagament a saldu fuq imsemmi.

Illi t-Tribunal jidhrilu li malli s-socjeta’ attrici sarfet ic-cekk fuq imsemmi fejn kien imnizzel car li kien qed jintbaghat ‘*in full and final settlement’,* hija

kienet qed taccetta li dawk l-invoices partikolari kienu qedin jithallsu a saldu, u li ma kien fadlilha l-ebda pretensjoni fir-rigward ta' l-istess. Dan ghaliex min jaccetta u jsarraf cekk mibghut fit-termini 'in full and final settlement' ikun qed jircievi l-pagament f'dawk l-istess termini precizi. U gjaladarba ma jidhirx li s-socjeta' attrici pprotestat dwar il-hlas fil-mument opportun, ma tistax tigi issa, snin wara, u tghid li ghad fadlilha x'tithallas.

Fil-fatt jekk is-socjeta' attrici ma xtaqitx taccetta l-pagament tas-socjeta' konvenuta kif kienet qed tigi offruta lilha a saldu, u b'referenza ghal dawk l-*invoices* partikolari, kellha tipprotesta ruhha dak il-hin stess u mhux tmur issarraf ic-cekk Lanqas ma kellha dritt taqbad u tinjora l-fatt li dak il-pagament kien qieghed isir a saldu tal-*invoices* imsemmija, u talloka l-pagament ghal xi *invoices* ohra, jew ammonti ohra li skond hi kienu ghadhom pendenti.

Illi t-Tribunal josserva wkoll li x-xhieda ta' Ronald Galea hija daqsxejn wahda konfuza ghaliex biddel jew irranga l-versjoni tieghu kull darba li deher sabiex jixhed quddiem it-Tribunal. Meta nduna li l-*invoices* li fuqhom kienet qed issir it-talba ghall-hlas fil-fatt kienu gja mhallsa, huwa hareg bil-versjoni li kien hemm xi *invoices* ohra li s-socjeta' konvenuta ma kenitx ghadha hallset. Skond l-istess xhud dawn kienu l-*invoices* bin-numri:- 1044362; 1044446; u parti mill-invoice 1044462.

It-Tribunal josserva fl-ewwel lok li dawn l-*invoices* ghal xi raguni stramba ma jidhrux fl-istatements Dok. AN1 u AN2 mahruga mis-socjeta' attrici stess. Dawn pero kienu l-ahhar statements mahruga mis-socjeta' attrici u ghalhekk wiehed ghandu jassumi li bhala l-ahhar statements dawn suppost kienu qedin juru kull *invoice* li kien ghadu pendenti specjalment tenut kont tal-fatt li n-negozju bejn il-partijiet kien ilu li waqaf.

> Fit-tieni lok, kif jidher ampjament car mid-dokument markat u esebit bhala Dok. AN3 a fol. 27 tal-process, is-socjeta’ attrici sahansitra harget rcevuti ta’ hlas lis-socjeta’ konvenuta fir-rigward ta’ dawn l-istess tlett *invoices*. It-Tribunal zgur li mhuwiex ser jiddubita li dawn l-*invoices* ma thallsux, meta s-socjeta’ attrici stess harget rcevuta ghall-hlas.
>
> Illi in vista ta’ dan kollu, t-Tribunal jidhirlu l-*invoices* kollha mahruga mis-socjeta’ attrici li ghamel referenza ghalihom Ronald Galea fix-xhieda tieghu, thallsu mis-socjeta’ konvenuta ghas-saldu, u bl-ebda mod ma gie ppruvat da parti tas-socjeta’ attrici li ghad hemm xi ammont pendenti x’jithallas. It-Tribunal jidhirlu wkoll li m’huwiex il-kompitu tieghu li jipprova jinterpreta sistema kemm xejn imhawwda u stramba ta’ *accounting* li donnha qed taghmel uzu minnu s-socjeta’ attrici. Li hu zgur hu li ma rnexxilhiex tipprova li ghad hemm xi ammont pendenti li ghad irid jithallas lilha mis-socjeta’ konvenuta.
>
> Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, jichad it-talba attrici, bl-ispejjes kollha tal-kawza kontra l-istess socjeta’ attrici.”

Is-socjeta` attrici timpunja bl-appell taghha din is-sentenza fis-sens infraskritt:-

1. Hi kienet timputa l-pagamenti li kienu jsirulha l-ewwel kontra l-imghaxijiet u, imbaghad, kontra l-kapital. Hi qatt ma rrinunzjat ghall-hlas ta’ l-imghaxijiet u dan stante li b’mod regolari kienet tibghat *statements* lis-socjeta` konvenuta minn fejn kien jirrizulta kjarament li hi kienet qeghda tippretendi hlas ta’ l-imghaxijiet;

2. It-Tribunal wasal ghal konkluzjoni errata, sew fattwalment, kif ukoll legalment, in kwantu ghall-pagament mis-socjeta` konvenuta “*in full and final settlement*”. Dan

ghaliex l-ammont ricevut kien ikopri biss il-hlas, *qua* kapital, ta' l-ahhar *invoices* u li qatt ma rrinuzjat ghall-kwalisiasi bilanc iehor li kien ghadu pendenti, tant li ssoktat tibghat l-i*statements*;

3. Jekk stess wiehed jasal biex jaqbel mat-Tribunal li l-*invoices* kienu kollha mhallsin, fiz-zgur pero` ma jistax b'daqshekk jinghad li l-imghaxijiet kienu thallsu kollha;

L-ewwel konstatazzjoni li jenhtiegilha taghmel din il-Qorti in meritu ghall-aggravji sottoposti hi din. *Di diritto*, l-Artikoli 1168 *et sequitur* tal-Kodici Civili jiddixxiplinaw l-imputazzjoni tal-pagamenti li jsiru billi jistabilixxu gerarkija tal-kriterji ta' dik l-istess imputazzjoni. Din il-gerarkija tartikola ruhha kif gej:-

(1) Fl-ewwel lok, hu rizervat lid-debitur li jindika ghal liema debitu ghandu jigi mputat il-hlas (ara Artikolu 1168);

(2) Fit-tieni lok, hu l-kreditur li jindika permezz ta' ricevuta ghal liema dejn gie imputat il-pagament (Artikolu 1170);

(3) Fit-tielet lok, fin-nuqqas ta' indikazzjoni *ex-parte debitoris* jew *ex-parte creditoris,* japplikaw il-kriterji legali dettati fl-Artikolu 1171;

Hu rilevanti illi wiehed jissottolineja illi wkoll pero` taht punt (1), id-debitur ma jistax jimputa il-hlas ghall-kapital minflok milli ghall-imghaxijiet minghajr il-kunsens tal-kreditur (Artikolu 1169). Ara wkoll **Kollez. Vol. XXXI P II p 6**;

Premess dan, jirrizulta mill-atti tal-kaz illi permezz ta' *cheque* datat 31 ta' Lulju 2007 (fol. 10), is-socjeta` konvenuta hallset lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1871.41 biex tissalda l-fatturi specifikati fid-dokument a fol. 11. Dawn il-fatturi kienu jkopru l-perijodu bejn it-23 ta'

Awissu 2005 sat-28 ta’ Settembru 2005. Hu mifhum illi l-ahhar negozju bejn iz-zewg kumpaniji sehh fis-sena 2005. Ara deposizzjoni ta’ Ronald Galea ghas-socjeta` attrici (fol. 18). Irid jinghad illi mid-dikjarazzjoni akkompanjanti dak il-hlas, ghas-socjeta` konvenuta dan kien rapprezentattiv ta’ pagament ghas-saldu. Ma’ din id-dikjarazzjoni s-socjeta` attrici ma taqbelx ghaliex skond it-tezi taghha, fuq l-affermazzjoni tax-xhud Ronald Galea, “kien ghad fadlilhom jithallsu zewg invoices ohra in full plus parti minn invoice iehor”, kif ukoll li kien hemm ukoll “xi imghaxijiet dovuti” (fol. 18). Kien b’dan il-fini illi wara l-hlas avvenut, harget *invoices* ohra datati 31 ta’ Jannar 2008 (fol. 21) u 30 ta’ Settembru 2008. Irid jinghad illi l-*invoices* ghal liema jirreferi x-xhud imsemmi huma dawk enumerati 1044302, 1044446, u parti mill-*invoice* 1044462. Ukoll dwar dawn pero` l-atti istruttorji juru illi dawn gew imhallsa fit-30 ta’ Novembru 2006 u 30 ta’ April 2007 dwar liema s-socjeta` attrici rrilaxxjat ricevuta datati 30 ta’ Novembru 2006 (fol. 35) u 8 ta’ Mejju 2007 (fol. 37) u fejn proprju jissemmew il-precitati *invoices* flimkien ma’ fatturi ohra;

Maghmula din l-esposizzjoni konciza tal-fatti huwa necessarju li jsiru l-konsiderazzjonijiet segwenti:-

(1) Primarjament, skond il-kriterju tad-distribuzzjoni ta’ l-oneru tal-provi jispetta fl-ewwel lok lill-kreditur li jaghti prova ta’ l-ezistenza tal-kreditu azzjonat u, sussegwentement, imiss lid-debitur li jgib prova tal-fatt estintiv ta’ dak il-kreditu jew ta’ xi parti minnu. Ara “**Manwel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**”, Prim Awla, Qorti Civili, 27 ta’ Mejju, 1970, per Imhallef M. Caruana Curran. Jikkonsegwi illi meta d-debitur jaghti prova tal-hlas in kwantu esegwit b’riferiment ghall-kreditu specifiku fatturat, jispetta lill-kreditur li jiddemostra l-ezistenza ta’ krediti ohra dwar liema huwa qed jitlob il-pagament. Similment, jinkombi b’obbligu fuq il-kreditur il-prova ta’ imputazzjoni diversa tal-kreditu tieghu minn dik tad-debitur. Tali prova trid tkun dejjem wahda univoka, konklussiva u, fuq kollox, konvincenti;

(2) Issa hemm qbil mas-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti illi l-offerta tal-hlas ghas-saldu ma tibbastax bhala prova liberatorja mid-dejn in kwantu dan, din il-Qorti rrikonoxxietu f'sentenzi antecedenti taghha. Ara, a propozitu, dik fl-ismijiet "**Peter Attard -vs- Lawrence Fino *et***", 28 ta' Marzu, 2008 u d-decizjonijiet f'din elenkati. Dan, s'intendi, ghal kaz fejn ikun jirrizulta illi effettivament fir-rapport negozjali bejn il-partijiet ikun ghad hemm fatturi ta' merce jew ta' servizzi li thallew barra mill-kont;

(3) Jekk, ciononostante, id-debitur ta' l-obbligazzjoni jaghti prova tal-pagament, bhala effikacja estintiva, anke ta' dawk il-fatturi determinati, jaggrava fuq il-kreditur li jiddemostra l-ezistenza ta' djun ohra u tas-sussistenza tal-presuppost ghall-applikazzjoni ta' xi wiehed mill-kriterji sussidjarji ta' imputazzjoni;

(4) Affermat dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi meta s-socjeta` attrici rrilaxxjat ir-ricevuti aktar 'il fuq imsemmija konnessi ma' dawk il-fatturi specifici, dik il-kwittanza da parti taghha ma tistax hlief iggorr il-valur probatorju ta' konfessjoni fejn permezz taghha s-socjeta` attrici kienet qeghda tattesta li rceviet il-hlas determinat kopert bil-fatturi. Biex ultimament, allura, tirnexxi fl-assunt taghha illi ghandha dritt tesigi l-pagament ta' somom ulterjuri hi trid turi a pjena sodisfazzjoni tal-Qorti, illi dawk il-fatturi ma kienux ikopru l-ammont kollu dovut ghall-kapital u imghaxijiet. Diversament, il-kwittanza ggib il-liberazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitrici in kwantu tirrikonoxxi l-estinzjoni avvenuta tad-debitu bil-pagment jew pagamenti hekk maghmula;

(5) Ankorke` ma kienux jezistu dawk ir-ricevuti l-fatt li l-*invoices* partikolari (Numru 1044302, 1044446 u 1044462) ma sabux posthom fl-i*statements* sussegwenti tas-socjeta` attrici ghandu b'raguni jissuggerixxi illi, tabilhaqq, dawk l-*invoices* kienu verosimilment gew saldati. Dan sija ghall-ammont kapitali sija ghall-imghaxijiet. Fil-kuntest il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, kif testwalment mistqarr minn Ronald Galea a fol. 19, "Jien m'ghandix spjegazzjoni bhalissa ghalfejn it-tliet invoices li semmejt u li ghadhom pendenti ma jidhrux fid-

dokument u, cjoe, fl-istatement dokument B”. Dan hu d-dokument a fol. 11 li fuqu jidhru l-*invoices* dwar liema sar il-hlas *in full and final settlement*;

(6) Minn dawn il-konsiderazzjonijiet, u mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, ma hi xejn sodisfatta u konvinta illi dak pretiz mis-socjeta` attrici appellanti huma debiti li ghadhom ma gewx assolti in kwantu huma bilanci ta’ kapitali, ghal raguni li l-hlasijiet ricevuti kienu l-ewwelnett imputabbli ghall-imghaxijiet jew, sussidjarjament, ghaliex jekk kieku stess thallsu biex jissodisfaw il-kapitali, ghad baqa’ l-imghaxijiet dovuti. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ssibx, in bazi ghac-certezza morali taghha, u l-bilanc tal-probabilitajiet, raguni biex titbieghed mill-motiviazzjoni u l-konkluzjoni tas-sentenza appellata.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------